QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
SEDE CIVILI
MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 3 TA' MEJJU 2002

Avviz Nru:- 890/96DM

Louis Apap Bologna
vs
Alfred Delia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' mitejn tmienja u tmenin lira Maltija (Lm288) rapprezentanti kera dovuta mill-konvenut lill-attur ghal-fond Castor House, Quarries Street, Hamrun fil-limiti tal-Imsida, ghall-perjodu mill-1 ta' Settembru 1993 sal-iskadenza li tghalaq fil-31 ta' Awissu 1996, u cioe ghall – tnax l-iskadenza bir-rata ta' erba u ghoxrin lira maltija (Lm24) kull tlett xhur u dan flimkien mal-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Delia fejn eccepixxa illi:

1 Din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni dettaljata tat-talba attrici stante li l-mertu huwa esawrit billi l-esponenti hallas is-somma mitluba lill-attur, hekk kif irceva l-Avviz, pero in kwantu jirrigwarda l-ispejjes tal-kawza, dawn ghandhom jigu sopportati interament mill-attur stante li wara li giet pronunzjata is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza numru 194/92, l-attur

lanqas biss ma qatt talab u wisq anqas interpella lill-konvenut ihallas u qabad u ppresenta l-avviz legali de quo.

2 Huwa ghalhekk ovvju li l-ispejjes legali hawn inkorsi ghandhom jigu sopportati mill-attur, skond il-ligi.

3 Salvi eccezzjonijiet ohra..

Rat il-verbal tad-29 ta' April 1997 fejn l-atturi pprezentaw nota ta' cessjoni tal-mertu,

Rat in-nota tal-atturi pprzentata fis-6 ta' Marzu 2001.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bin-nota ta cessjoni tas-sorte pprezentata mill-attur fid-29 t'April 1979 il-kawza baqghet pendenti biss sabiex jigi deciz il-kap tal-ispejjez .

Evidentement biex jigi determinat min ghandu ibaghati l-ispejjez ta' din il-kawza irid jigi qabel xejn deciz jekk il-hlas tas-sorte li sar mill-konvenut biex setgha jigi cedut il-mertu kienx sar qabel il-prezentata tal-avviz ossia wara. F'kaz illi l-hlas gie effettwat wara l-prezentata tal-avviz jista' jaghti l-kaz illi l-konvenut lanqas m'ghandu jbaghti l-ispejjez jekk ma kienx interpellat b'indikazzjoni tal-ammonti li setghu kienu dovuti.

Mid-deposizzjoni tal-attur  moghtija fis-seduta tal-5 ta' Novembru 1999 jirrizulta illi l-istess attur qieghed jippretendi illi l-hlas tas-sorte kien sar wara l-prezentata tal-avviz u setgha wkoll jindika illi dan il-hlas kien sar permezz ta' cekk spedit u mahrug mill-avukat Dr Joseph Schembri liema cekk kien wasal ghand l-istess attur f'Dicembru 1996 u ghalhekk  madwar tlett (3) xhur wara l-prezentata tal-avviz.

Inoltre bin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut stess jirrizulta ammess illi effettivament  il-pagament  tas-sorte kien sar wara illi kien gie notifikat bl-avviz in kwistjoni.

Il-konvenut izda jallega illi huwa m'ghandhux lanqas ibaghti l-ispejjez tal-kawza nonostante li sar il-pagament wara l-prezentata tal-avviz peress li qatt ma kien gie interpellat biex ihallas l-ammont dovut qabel ma gew inizjati l-proceduti gudizzjarji.

Pero jirrizulta illi tali interpellazzjoni f'dan il-kaz ma kienetx mehtiega peress illi l-ammont dovut mill-konvenut kien  ammont  stabbilit  minn  decizjoni   tal-Qorti  tal-Appell.  Din id-decizjoni saret definitiva  fil-25 ta' Gunju 1996 u l-istess decizjoni li stabbiliet l-ammont preciz tal-kera u bl-iskadenzi relattivi ma kelliex ghalfejn tigi notifikata lill-konvenut sabiex huwa jkun jaf x'hin huma l-ammonti dovuti lill-attur.

Ghaldaqstant  issib illi l-attur kien gustifikat li jghamel  il-proceduri odjerni u billi l-pagamenti dovuti mill-konvenut saru wara l-prezentati tal-avviz tiddecidi illi l-konvenut ghandhu jbaghti l-ispejjez tal-kawza.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg  Civ41